# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 981

KAZ NRU. 1236

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Ronald White u
Paul Azzopardi

u

Group 4 Securitas Malta Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum: 9 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 13 t'April, 1998 Ref. MHS/TI/35/98 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tlett (3) seduti.

L-appellanti Ronald White u Paul Azzopardi kienu assistiti mis-sur Joe Morana, Segretarju Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati, Union Haddiema Maghqudin.

Ghall-kumpanija Group 4 Securitas Malta Ltd deher il-Managing Director is-sur Ray Attard mghejjun mill-avukat Andrew Borg Cardona.

**Statements of Case**

L-appellanti qed isostnu li t-tkeccija mill-impjieg ma kienetx ghal raguni ta' *redundancy* kif qed tallega l-kumpanija u ghaldaqstant it-tkeccija saret bi ksur tal-ligi u li kienet ingusta.

Qed isostnu wkoll li t-terminazzjoni saret bi ksur ta' klawsola 29 tal-*Collective Agreement* u bi ksur tal-Provvediment ta' l-Att li jirregola il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tal-1952 peress li huma ghandhom aktar anzjanita' fis-servizz taghhom fil-kategoriji ta' *Security Guards* minn haddiema ohra ta' l-istess grad u li ghadhom fl-impjieg mal-kumpanija.

L-appellanti qed jitolbu li jinghataw lura l-impjieg taghhom b'effett mid-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghhom u l-hlasijiet dovuti, u dan b'mod li ma jitilfu xejn minn dak dovut lilhom u b'kontinwita' fir-rigward ta' l-anzjanita' fir-rigward tas-servizz taghhom fil-kumpanija.

Jitolbu wkoll kumpens xieraq ghad-danni morali u finanzjarji li sofrew b'rizultat ta' dan l-agir mill-kumpanija.

Il-kumpanija fl-*istatment of case* taghha tistqarr li mxiet skond ir-regoli ta' *redundancy* wara li giet iffaccjata minn sitwazzjoni finanzjarja difficli meta gew ikkancellati diversi kuntratti.

Di fatti l-ewwel nehhiet madwar 40 *part-timer* u wara kellha tghaddi biex tghati sensji lil numru ta' *full-timers* fosthom l-appellanti.

Il-kumpanija tghid li hadet hsieb li tapplika ir-regola ta' *"last in first out".* F'dan l-ezercizzju il-kumpanija ghandha haddiema bi *"skills"* specjali jew li kienu mistharrga mill-klijenti tal-kumpanija ghal diversi dmirijiet li ma kienux dmirijiet komuni. Dawn il-klijenti esigew li dawn l-impjegati b'dawn l-*"iskills"* jibqghu jintbaghtu jaghmlu x-xoghol ghandhom. Il-kumpanija qeghda ssostni li anke jekk hi zammet l-ordni superficjali ta' l-impjieg, xorta l-appellanti kienu jispiccaw issensjati, peress li xorta ma kienx ikun hemm xoghol ghalihom.

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellanti baqghu isostnu li t-terminazzjoni ta' l-impjieg imur kontra klawsola 29 tal-*Collective Agreement* u kontra il-provvedimenti tal-*Conditions of Employement (Regulation) Act*.

L-eccezzjonijiet imressqa mill-kumpanija biex tiggustifika l-agir taghha ma humiex kontemplati la fil-*Collective Agreement* u l-anqas fil-*Conditions of Employement (Regulation) Act.*

Issostni wkoll li mhux accettabbli u huwa ngust li l-kumpanija taqsam il-haddiema f'kategorija ta' *"sites"* u/jew skond ix-xewqat tal-klijenti taghha.

L-appellanti huma mpjegati b'kuntratt ta' xoghol indefinit mal-kumpanija Group 4 Securitas Malta Ltd u mhux ma' xi klijenti taghha.

It-tezi tal-kumpanija li kieku ma hadux il-linja li hadu kienu se jintilfu xi kuntratti jekk ma timxiex fuq talbiet tal-klijenti li jaghzlu huma s-*Security Guards,* hija ipotetika.

Min naha tal-kumpanija dan il-kaz jippernja ruhhu fuq punt legali dwar jekk il-kumpanija mxietx skond il-ligi u l-Ftehim Kollettiv meta ddikjarat bhala *redundant* l-appellanti.

Il-kumpanija ghamlet ezercizzju bil-hsieb illi haddiema bi "*skills*" jew attributi partikolari jigu kkunsidrati bhala *posts* minn klassi differenti minn haddiema ohra li ma kellhomx dawn l-attributi. Dan l-ezercizzju sar minhabba l-operazzjoni partikolari tal-kumpanija li ma thaddimx in-nies taghha fuq il-post tax-xoghol taghha izda f'postijiet ta' terzi.

Il-kumpanija tissottometti illi meta wiehed jigi biex jinterpreta il-kliem "klassi ta' mpjegati", dan necessarjament ghandu jigi nterpretat b'mod illi jnaqqas kemm jista' jkun l-effett, l-ezercizzju li jkun qed isir u mhux li jaggrava s-sitwazzjoni. Gie muri wkoll lit-Tribunal illi l-htiega li jsir "*cost saving exercise*" kien car u dak li ghamlet il-kumpanija inkwantu li kien hemm bzonn li jsiru xi *redundancies* kien ragjonevoli.

**<u>Osservazzjonijiet</u>**

Il-qofol ta' din il-kwistjoni hija l-interpretazzjoni minn naha tal-kumpanija ta' l-Artiklu 34 tal-Kap 135 (CERA) u tal-*Collective Agreement.*

Nibdew bil-kaz prezenti.

Iz-zewg appellanti huma klassifikati bhala *Security Guards* u dan gie stabbilit mix-xhieda tal-kumpanija.

Gie stabbilit ukoll li skond il-*Collective Agreement* u skond ix-xhieda, l-impjegati mibghuta f'*sites* differenti huma ta' l-istess kategorija.

Il-kumpanija ppruvat li tikkreja klassijiet differenti f'ezercizzju li ghamlet. Dan mhux korrett u jmur kontra l-*Collective Agreement* li ma jaghtix lok ta' "*sub classifications of employees*". Dan hu punt importanti.

Il-problemi li l-kumpanija kienet qeghda tiffaccja huma realta' u wiehed jifhimha li tipprova tnaqqas id-danni kemm jista' jkun.

Ma hemm ebda divergenza miz-zewg nahat ghar-rigward l-istat tal-kumpanija u ta' *redundancies* li kellhom jinghataw.

Il-kwistjoni kardinali hi li l-appellanti ma kienux *in line* ghar-*redundancies* skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li wizen l-argumenti taz-zewg partijiet jikkonkludi li l-ligi ma ghandha ebda nterpretazzjoni hlief dik l-interpretazzjoni tal-"*last in first out*" minn dik il-kategorija ta' haddiema. L-impjegati kienu kollha klassifikati bhala *Security Guards* u ghaldaqstant it-tkeccija kienet illegali u ngusta. Il-*Collective Agreement*

ukoll jistabbilixxi t-termini u l-modi ta' kif ir-*redundanies* isiru.

It-Tribunal jissimpatizza mal-kumpanija izda ma jista' qatt jaghti tifsiriet differenti ghal dak li hemm stipulat mill-ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jordna li s-sur Ronald White ghandu jinghata lura l-impjieg fl-istess kundizzjoni li kien fil-21 ta' Frar, 1998. L-istess isir ghas-sur Paul Azzopardi.

Peress li fl-ahhar ta' Lulju 1998 sar ezercizzju iehor mill-kumpanija bi qbil mal-Union Haddiema Maghqudin, dawn iz-zewg appellanti kienu se jkunu f'din il-lista.

Ghalhekk il-kumpens li l-kumpanija trid tghati liz-zewg appellanti huwa kif gej : Is-Sur Ronald White elf tmien mija u hamsa u hamsin lira maltin (Lm1,855) u s-sur Paul Azzopardi elf tmien mija u hamsa u erbghin lira maltin (Lm1,845) jigifieri mill-21 ta' Frar, 1998 sal-31 ta' Lulju, 1998.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**